# <u>Tribunal Industrjali</u>

# <u>Decizjoni Numru 2741</u>

Kaz Nru: 3577/17/AM

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Giannella Mifsud

u

[1] Skola Sekondarja tal-Konservatorju tal-isqof;

u

[2] Christine Scerri u wara decizjoni preliminari datata 23/02/2018 Christine Scerri giet illiberata mill-osservanza tal-gudizzju

**<u>Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (lond)., Dip.Tax (MIT)</u>**

**Illum il-Gimgha 18 ta' Gunju, 2021**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Giannella Mifsud li permezz tieghu ppremettiet u talbet dan li gej:

Li hija mpjegata ma' l-iskola konvenuta fuq bazi full-time bhala ghalliema tal-matematika fi skala 9 b'effett mit-22 ta' Settembru 2016; li b'ittra datata 8 ta' Mejju 2017 annessa u mmarkata Dok GM1 l-intimati tterminaw l-impjieg taghha b'effett mil-31 ta' Mejju 2017; li fid-19 ta' Mejju 2017 hija giet infurmatha verbalment sabiex ma tibqax tattendi ghax-xoghol. Dan gie konfermat mill-intimata Scerri permezz ta' email taghha annessa u mmarkata Dok GM2; li l-esponenti thoss li t-terminazzjoni taghha mill-impjieg hija wahda ngusta peress li t-terminazzjoni taghha saret barra l-probation period u dan ghar-ragunijiet li ghad iridu jigu spjegati u pruvati fil-kors

tal-proceduri; li di piu' l-esponenti ma thallsitx il-paga kollha dovuta lilha; li in oltre l-esponenti tul l-impjieg taghha giet soggetta ghal maltrattament serju fejn f'bosta istanzi ntqal diskors u sar eghmil degredanti fil-konfront taghha mill-intimata Principal Scerri liema eghmil u diskors jammonta in ter alia ghal fastidju u vittimizzazzjoni u dana hekk kif sejjer jigi ppruvat fil-kors ta' dawn l-istess proceduri; li dan ir-rikors qed isir ai termini tal-Artikolu 75 tal-Att XXII tat-2002, l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta; ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett sabiex it-Tribunal Industrjali jiehu konjizzjoni tar-rikors odjern u tad-Dikjarazzjoni annessi filwaqt li jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti kienet wahda ngusta, tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti kienet soggetta ghal maltrattament mill-intimati kif ukoll tippronunzja ruhha dwar nuqqas ta' hlasijiet ta' pagi dovuti lill-esponenti u joghgbu jaghti l-provvedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi nkluz likwidazzjoni ta' kumpens dan u skond il-ligi.

Illi fir-risposta taghhom fol 18 et l-intimati eccepew li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li huma mxew sia skont il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv iffirmat bejn l-Awtorita' tal-Knisja u l-Malta Union of Teachers u kif ukoll mxew skont il-ligi; li t-temma tal-impjieg tar-rikorrenti kienet rizulta ta' terminazzjoni waqt iz-zmien ta' prova. Il-ftehim kollettiv f'pagna 13 jistipula b'mod car li z-zmien ta' prova ghall-ghalliema huwa ta' sena doc BCV1 anness. Iz-zmien ta' prova tar-rikorrenti beda fit-22 ta' Settembru 2016 u kien jiskadi f'Settembru 2017 mandanakollu r-rikorrenti giet notifikata bit-terminazzjoni f'Mejju 2017 u ghaldaqstant ferm qabel ma skada z-zmien ta' prova taghha; li l-Artikolu 36(2) tal-Att dwar l-Impjieg u relazzjonijiet Industrijali tistipula b'mod car li waqt iz-zmien ta' prova l-impjieg jista' jigi mitmum minn min ikun irid miz-zewg partijiet minghajr ma jaghti ebda raguni; li f'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Appell Civili numru 21/2011) gie kkonfermat li t-Tribunal ma kellux kompetenza li jikkonsidra jekk it-tkeccija kinitx ghal raguni gusta jew le jekk it-terminazzjoni ssehh fiz-zmien ta' prova; di piu' l-Onorabbli Tribunal Industrijali fid-Decizjoni Preliminari numru 2465/DP qalet li *"dan it-Tribunal ihoss li ghandu xorta jigbed l-attenzjoni u jaghti l-parir lil kull socjeta' li tittermina mpjieg waqt zmien ta' prova ta' mpjegat taghha, biex timxi esklussivament mall-provvediment ai termini tal-artikolu 36(2) tal-kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta cioe tiddikjara li qed taghmel hekk minghajr ma ghandha ghalfejn taghti raguni u b'hekk tkun qed telimina spekulazzjonijiet u jitnaqqsu kazi ta' terminazzjonijiet skond hu kif tipprovdi l-Ligi Industrijali minghajr ma jispiccaw f'hogor it-Tribunal li finalment irid jerga' jirrikorri ghall-istess provvedimenti."*; li r-rikorrenti thallset dak kollu dovut lilha kif jixhdu l-payslips annessi u mmarkati Dok BC2; li titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Tribunal tilqa' preliminarjament l-eccezzjoni tal-intimati li t-temma tal-impjieg saret

waqt iz-zmien ta' prova u tichad kwalsiasi talba li saritilha mir-rikorrenti; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fid-decizjoni tieghu tat-23 ta' Frar 2018 dan it-Tribunal diversament presedut fol 75 et laqa' l-eccezzjoni tal-intimati u llibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-intimata Christine Scerri salv u impregudikati d-drittijiet tar-rikorrenti si et quatenus.

**Eccezzjoni li t-temm tal-impjieg sar waqt li r-rikorrenti kienet ghadha taht probation**

Dan it-Tribunal jibda biex jissolleva li tali eccezzjoni kellha tigi deciza fil-bidu ta' dawn il-proceduri u mhux wara li jinghalqu l-provi.

Illi jirrizulta fol 115 li r-rikorrenti giet impjegata mall-iskola ntimata fuq bazi full-time u ghal zmien indefinit bhala ghalliema fit-22 ta' Settembru 2016 u li l-impjieg taghha gie terminat fil-31 ta' Mejju 2017 (fol 115) u hemm indikat li termination during probation tali raguni r-rikorrenti qatt ma kkontestata.

Jirrizulta wkoll a fol 5 li r-rikorrenti kienet intitolata tas-salarju full 'during the summer recess'.

Jirrizulta wkoll minn l-istess fol 115 li mis-26 ta' Mejju 2017 hija bdiet tahdem full-time bhala ghalliema  ghal zmien indefinit mad-dipartiment tal-edukazzjoni bhala ghalliema u ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tikkontendi li galadarba hija baqghet tithallas fil-vaganzi tas-Sajf ma jistax jinghad li x-xoghol taghha gie terminat waqt li kienet ghadha fuq probation.

Illi ghalhekk jirrizulta li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti sar fil-perjodu ta' probation.  L-artikolu 36(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jghid testwalment:  Waqt l-impjieg bi prova l-impjieg jista' jigi mitmum minn min ikun irid miz-zewg partijiet minghajr ma jaghti raguni.  Huwa kondizzjonat unikament minn pre-avviz ta' gimgha.

Li ghalhekk ai termini tal-artikolu 36(2) tal-Kap 452 kemm l-impjegat kif ukoll min ihaddem jista' jittermina dan l-impjieg minghajr ma jaghti ebda raguni u ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha kienet wahda ngusta qed tigi michuda. Kif gie ritenut fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imh RCP fil-kawza fl-ismijiet Charlene Vella vs Banif bank (Malta) plc, deciza fis-26 ta' Gunju 2011**, *"ladarba t-Tribunal Industrijali sab li tali terminazzjoni saret fil-perjodu ta' probation ma kellux jidhol jekk hemmx raguni gusta……. U dan ghaliex fit-terminu ta' probation is-socjeta appellanti ma kellha ebda obbligu li taghti raguni ta' terminazzjoni ta' mpjieg".*  Vide wkoll Christine Bonnici vs Is-socjeta' Civili BDO

Attard Buttigieg Psaila & Co et (T.I. 8 ta' April 2011); Robert Desira Buttigieg vs Bay street Holdings Limited PA per JRM 12 ta' Gunju 2003.

Ghaldaqstant din it-talba qed tigi michuda.

**Dwar in-nuqqas ta' hlasijiet**

Illi r-rikorrenti damet impjegata mit-22 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Mejju 2017 pero' thallset sal-21 ta' Settembru 2017. A fol 10 fl-affidavit taghha tghid li hija ma thallsitx tal-ewwel tlett ijiem li kienet telghet Malta fuq laqghat relatati max-xoghol fejn attendiet fuq struzzjonijiet tal-iskola, ma thallsitx tal-arretrati li jammontaw ghal €178.32c; li minn Lulju 2017 hija thallset ta' tlett ijiem xoghol biss u ghax-xahar ta' Awissu hija thalset €1662.17c.

Illi mill-kopja tac-cekkijiet prezentati mill-iskola intimat fol 43et kif ukoll mill-affidavit addizjonali tar-rikorrenti fol 50 li fil-mori hija rceviet is-salarju mit-2 ta' Awissu 2017 sal-21 ta' Settembru 2017, u c-cheque ta' €178.32c u ddikjarat li hija tippretendi li tithallas tal-ispejjez tal-kura li irceviet in konnessjoni mat-trawma li hija tallega li ghaddiet minnha kemm damet tahdem fl-iskola ntimata liema trawma giet kawzata skond hi minhabba l-agir tad-dirigenti tal-istess skola.

Li ghalhekk tali talba llum giet sorvolata ghax ir-rikorrenti thallset il-pendenzi dwar il-paga u dan it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-istess talba.

**Dwar il-maltrattament**

Ir-rikorrenti tippretendi li ghandha tigi rifuza tal-ispejjez li ghamlet minhabba maltrattament li qed tghid li sofriet mill-istess dirigenti tal-iskola. Hija ssemmi certi rimarki li kienet tghaddilha l-Kap tal-Iskola fosthom 'kul aktar ta' kemm ma fik xejn u li hija figura /statura zghira kwazi daqs l-istudenti u jarawk zghira allura trid turihom li int it-teacher. Dawn il-kummenti kienu aktar kisruha bhal ma kissirha l-fatt li gie terminat l-impjieg lilha minghajr ma kellha cans tispjega lill-istudenti ghaliex.

Illi dan it-Tribunal wara li ra x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti f'dan il-kaz u ha in konsiderazzjoni l-fatt li anke l-psikjatra kuranti tar-rikorrenti xehed li fuq dak li kienet tghidlu r-rikorrenti cioe' li dan kollu gie kawzat lilha mill-iskola ntimata u ma gie pruvat ebda ness bejn dak li qed issofri r-rikorrenti u l-allegat agir tal-iskola. Dan it-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma li r-rikorrenti naqset li tipprova li tali stress gie kawzat mill-agir tal-istess skola. Dan it-Tribunal jaghmilha cara li kull xoghol fih l-istress tieghu u sta ghal dak li jkun li jaghraf jikkumbatti tali stress.

Inoltre dan it-Tribunal jirrileva wkoll li r-rikorrenti sabet xoghol iehor immedjatament u ghadha fl-impjieg sal-lum u ghalhekk ma jistax jinghad li tali stress wara dawn is-snin kollha li ilha barra mill-iskola ntimata huwa relatat ma' dak li hija qed tallega – cioe' l-agir tad-dirigenti tal-iskola fil-konfront taghha. Kif dejjem gie ritenuto fil-kaz ta' stress kawzat minn l-allegat maltrattament fuq il-post tax-xoghol, tali stress ma ghandux ghalfejn ikollu mpatt persistenti fuq il-hajja tar-rikorrenti u sta ghar-rikorrenti li taghraf tiffoka fuq l-affarijiet li jaghmluha kuntenta aktar milli tibqa' fuq in-negattivita tal-esperjenza fuq ix-xoghol li hija qed tghid li kellha.

Ghaldaqstant din it-talba tar-rikorrenti qed tigi michuda wkoll.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dr Anna Mallia LL.D.**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**